



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 11 ta' Settembru 2023  
(OR. en)

12635/23

LIMITE

CORLX 843  
CFSP/PESC 1203  
RELEX 1002  
COEST 494  
FIN 893

## PROPOSTA

|                   |                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                          |
|-------------------|--------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:             | Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, iffirmata mis-Sur Stefano SANNINO, Segretarju Ġenerali                                                                                                                                                                                                                             |
| data meta waslet: | 11 ta' Settembru 2023                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                    |
| lil:              | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea                                                                                                                                                                                                                                                                                               |
| Suġġett:          | Proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà lill-Kunsill għal Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/1214 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 833/2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument HR (2023) 212.

Mehmuż: HR (2023) 212

# **HR(2023) 212**

## *Limited*

SERVIZZ EWROPEW GĦALL-AZZJONI ESTERNA



**Proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà lill-Kunsill**

**tal-11/09/2023**

**għal Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 2023/1214 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 833/2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna**

# **HR(2023) 212**

## *Limited*

# **HR(2023) 212**

## ***Limited***

### **REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/... ta'...**

**li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 2023/1214 li jemenda r-Regolament (UE)  
Nru 833/2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li  
jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/1214 tat-23 ta' Ġunju 2023 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 833/2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna<sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 1(33) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fit-23 ta' Ġunju 2023, il-Kunsill adotta r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/1214, li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 833/2014 <sup>(2)</sup> u introduċa miżuri restrittivi ulterjuri biex jissospendi l-attivitajiet tax-xandir fl-Unjoni, jew li huma diretti lejn l-Unjoni, ta' ċerti mezzi tal-media msemmija fl-Anness IV għar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/1214. Skont l-Artikolu 1(33), tar-Regolament (UE) Nru 2023/1214, l-applikabbiltà ta' tali miżuri fir-rigward ta' wieħed jew diversi minn dawk l-istrumenti tal-media hija soġġetta għall-adozzjoni ta' atti ta' implimentazzjoni mill-Kunsill.
- (2) Wara li eżamina l-każijiet rispettivi, il-Kunsill ikkonkluda li l-miżuri msemmija fl-Artikolu 2f tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 2014/833 jenħtieġ li japplikaw mill-1 ta' Ottubru 2023 fir-rigward tal-entitajiet kollha msemmija fl-Anness IV għar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/1214,

---

<sup>1</sup> ĠU L 159I, 23.6.2023, p. 1.

<sup>2</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 833/2014 tal-31 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU L 229, 31.7.2014, p. 1).

# HR(2023) 212

## *Limited*

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

### *Artikolu 1*

Il-miżuri msemija fl-Artikolu 2f tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 833/2014 għandhom japplikaw mill-1 ta' Ottubru 2023 fir-rigward tal-entitajiet kollha msemija fl-Anness IV għar-Regolament (UE) 2023/1214.

### *Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*